MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Rikors Numru. 67/2006

**Referenza Kostituzzjonali Numru 67/2006 fl-atti tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fl-ismijiet:-**

**Il-Pulizija (Spettur Jesmond Borg).**

**vs**

**Kevin Gatt.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-referenza kostituzzjonali mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali (presjeduta mill-Magistrat Dr. Anthony J. Vella) datata 30 ta’ Novembru 2006 a fol. 1 tal-process fejn l-istess Qorti laqghet it-talba tal-intimat sabiex a tenur tal-**artikolu 46**

**(3) tal-Kostitizzjoni ta' Malta** u tal-**artikolu 4 (3) tal-Kap 319** tirreferi l-kaz lil din il-Qorti b'komptenza Kostituzzjonali *stante* li gie allegat li r-rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija datat 8 ta' Novembru 2006 jikser jew x'aktarx jikser id-drittijiet fondamentali ta' l-imputat li ma jigux applikati fil-konfront tieghu sanzjonijiet dwar fatti li dwarhom Qorti ohra fil-kawza fl-ismijiet Pulizija vs Kevin Gatt tas-6 ta' Novembru 2006 diga imponiet sanzjonijiet; b'hekk l-imputat kien ser jigi processat aktar minn darba wahda fuq l-istess fatti a bazi ta' principju *ne bis in idem* u dan kif jiddispondi l-**artikolu 39 (9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**artikolu 4 tas-7 Protocol tal-Konvenzjoni Ewropea.**

Rat l-istess riferenza kostituzzjonali giet appuntata ghas-smigh ghas-7 ta' Dicembru 2006; u ordnat in-notifika ta' l-istess atti ta' referenza lill-intimati, b'dan li l-istess ghandu jipprezenta r-risposta tieghu sad-data u l-hin tas-seduta.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tas-7 ta' Dicembru 2006 fejn meta ssejjah ir-rikors deher Dr. Hubert Theuma ghall-Kummissarju tal-Pulizija u Dr. George Abela, ghar-rikorrenti Kevin Gatt. Dr. Theuma rrileva li l-Kummissarju tal-Pulizija ghadu mhux notifikat bl-atti relattivi. Dr. Abela esebixxa s-sentenza fl-ismijiet "**Pulizija vs Kevin Gatt**" tas-6 ta' Novembru 2006 moghtija mill-Magistrat Miriam Hayman (Dok "GA 1"). Dan huwa reat li dwaru Kevin Gatt instab hati taht l-**artikolu 579 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**. Il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-process "Il-Pulizija vs Kevin Gatt" mertu tas-sentenza fuq citata. Dr. Abela irrileva li r-rikorrenti qed isegwi l-piena karcerarja abbazi tas-sentenza fuq citata (sa fejn jaf hu). Dr. Theuma talab zmien biex jigi notifikat il-Kummissarju tal-Pulizija u jirrispondi ghall-istess rikors. Dr. Abela irrefera ghas-sentenza: "**Ezeh & Connors vs UK**" (15/07/02 *application number* 39665/98 u 40086/98) u "**Goktan vs France**" (02/07/02). Il-Qorti tat zmien ta' tmient ijiem (8) min-notifika ta' l-atti lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jirrispondi ghall-aggravju mressaq minn Kevin Gatt. Il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni u *occorrendo* trattazzjoni ghat-23 ta' Jannar 2007; u tat-23 ta' Jannar 2007 fejn meta ssejjah ir-rikors deher ir-

rikorrenti assistit minn Dr. George Abela, u Dr. Hubert Theuma ghall-Kummissarju tal-Pulizija, li ta ruhu b’notifikat bl-istess rikors u li prezenta risposta fir-Registru. Id-difensuri qablu li s-sentenza tas-6 ta’ Novembru 2006 tal-Qorti tal-Magistrati presjeduta mill-Magistrat Dr. Myriam Hayman fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Kevin Gatt” ghaddiet in gudikat peress li ma gietx appellata u l-kopja esebita f’dawn l-atti hija vera kopja ta’ l-istess decizjoni. Dr. George Abela rreferra ghal decizjoni ta’ din il-Qorti diversament ippresjeduta fil-kompetenza taghha attwali fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Joseph Zahra” GCD, datata 11 ta’ Dicembru 2006. Id-difensuri ddikjaraw li m’ghandhomx provi izda biss trattazzjoni. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-20 ta’ Marzu 2007.

Rat ir-risposta ta’ l-Avukat Generali datata 23 ta’ Jannar 2007 a fol.10 tal-process fejn espona bir-rispett:-

Illi l-esponent jidhirlu li ma jissussistux l-estremi ta’ kaz ta’ ‘*ne bis in idem’ stante* li rikjesta ghar-revoka tal-liberta` provizorja m’ hijiex ekwivalenti ghal rikjesta ghal sejbien ta’ htija ghal xi wiehed mir-reati kontemplati fil-Kodici Kriminali. L-**artikolu 4 tas-7 Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea** sottotitolat “*Id-dritt li persuna ma tigix ipprocessata jew ikkastigata darbtejn”* jipprovdi illi:-

*“Hadd ma jista’ jkun ipprocessat jew jerga’ jigi kkastigat ghal darb’ohra fi procedimenti kriminali taht il-gurisdizzjoni ta’ l-istess Stat ghal xi reat li dwaru jkun diga` gie finalment liberat jew misjub hati skond il-ligi u l-procedura penali ta’ dak l-Istat”.*

Hekk ukoll l-**artikolu 39 (9) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta** jitkellem dwar:-

*“persuna li turi li tkun ghaddiet proceduri quddiem xi Qorti kompetenti ghal reat kriminali u jew tkun giet misjuba hatja jew liberata”.*

Kif diga` gie rilevat quddiem il-Qorti referenti, il-fatt li ssir talba bhal dik tal-Prosekuzzjoni, li minnha qed jillmenta l-intimat Gatt, la hija talba ghal process gdid u lanqas m’hi

talba ghal kastig izda hija mizura ta’ natura amministrattiva u ntiza ghall-ahjar andament tal-process gudizzjarju. Fil-fatt, bl-ilqugh tat-talba tal-Pulizija l-intimat Gatt ma kien se jehel ebda zieda fil-piena tieghu. Dan jikkuntrasta sew ma’ dak li jipprovdi l-**artikolu 579 (2)** fejn wiehed jara illi l-piena kontemplata ghal min jikser il-kundizzjonijiet ghall-ghotja tal-liberta` kondizzjonata ma tikkonsistix fit-tehid ta’ dik l-istess liberta` izda tikkonsisti f’ *“il-piena ta’ multa jew ta’ prigunerija ghal zmien ta’ sitt xhur jew anqas, jew ghal multa u xi prigunerija flimkien”.* Kienet f’dan is-sens is-sentenza li nghatat mill-Onorabbli Magistrat Hayman fis-6 ta’ Novembru 2006.

Ghar-rigward tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea dwar il-fatti in ezami, l-esponent jidhirlu li ma kien hemm ebda kaz fejn talba ghar-revoka tal-liberta` provizorja giet ekwiparata ghal reat kriminali.

**<u>Ezeh and Connors vs UK</u>**

Fil-kaz ta’ **Ezeh and Connors vs UK** (nru. 39665/98 u 40086/98, deciz mill-Qorti Ewropea fil-15 ta’ Lulju 2002), l-applikant Ezeh kien instab hati ta’ stupru, pussess ta’ arma tan-nar finta u attentat ta’ qtil. Huwa gie kkundannat ghal tliet perijodi konkurrenti ta’ prigunerija, bl-itwal perijodu jkun ta’ tnax-il sena. Wara laqgha mal-‘*parole officer’* tieghu, din allegat li heddidha bil-mewt jekk ma tiktibx dak li jghidilha. B’hekk huwa spicca akkuzat bi ksur tal-‘*Prison Rules’* Inglizi ta’ l-1964. Huwa ngieb quddiem il-gvernatur tal-habs fejn, fost ilmenti li ma nghatax opportunita` ghal rapprezentanza legali adegwata, huwa nstab hati u wehel erbghin gurnata addizzjonali ta’ *‘custody’* jew detenzjoni kif ukoll erbatax-il gurnata maqful fic-cella, erbatax-il gurnata eskluzzjoni minn xoghol relatat u erbatax-il gurnata minghajr privileggi *stante* precedenti ohrajn simili waqt li kien fil-habs.

Rigward l-applikant Connors huwa kien instab hati darbtejn ta’ stupru u darba ta’ serq u gie kkundannat ghal erba’ perijodi konkurrenti ta’ habs, bl-itwal ikun ta’ tmintax-il sena. Waqt li kien qed jiggoggja huwa habat ma’ ufficjal tal-habs u safa akkuzat bir-reat ta’ *‘assault’* bi ksur tal-

Regola 47(1) tal-Regoli tal-Habs. Wara li tressaq quddiem il-gvernatur tal-habs, huwa nstab hati ta' *'assault'* u wehel sebat ijiem addizzjonali ta' *'custody'* jew detenzjoni kif ukoll tmien liri sterlini.

Ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz huma differenti minn dawk odjerni mhux biss fil-fatt materjali izda wkoll f'dak li jirrigwarda l-kwistjoni li kellha tiddeciedi fuqha l-Qorti. Dan kien kaz li jirrigwarda principalment l-**artikolu 6 (3) (c) tal-Konvenzjoni Ewropea**, jigifieri li kull min ikun akkuzat b'reat kriminali ghandu d-dritt:-

*"li jiddefendi ruhu personalment jew permezz ta' assistenza legali maghzula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi bizzejjed li jhallas l-assistenza legali, din ghandha tinghata lilu b'xejn meta l-interessi tal-gustizzja jehtiegu hekk;"*

Ghalhekk l-esponent jidhirlu li r-rilevanza tad-decizjoni li nghatat ghall-kaz odjern hija pjuttost skarsa.

Fil-kaz ta' **Goktan vs France** (nru. 33402/96 deciza mill-Qorti Ewropea fit-2 ta' Lulju 2002), l-applikant allega ksur ta' l-**artikolu 4 tal-Protokoll Nru. 7 tal-Konvenzjoni Ewropea** kif ukoll ta' l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** rispettivament. Huwa kien gie akkuzat bi u misjub hati ta' traffikar tad-droga u kkundannat ghal hames snin habs ghar-reati ta' impurtar, pussess u trasport ta' droga, attentat li jissupplixxi d-droga u impurtar, pussess u traffikar tad-droga minghajr licenzja. Huwa gie wkoll ikkundannat b'ordni tal-Qorti sabiex ihallas l-ammont ta' 1,070,000 franki minflok il-konfiska, kif ukoll multa tad-dwana li tammonta ghal 400,000 franki li gew imposti *'jointly and severally'* in konnessjoni mar-reat taht il-ligi tad-Dwana konsistenti fl-importar ta' oggetti llegalment. Il-Qorti Kriminali ta' Strasbourg ghamlet ukoll ordni fl-istess sentenza li kien jipprovdi ghall-imprigunar ta' l-imputati f'kaz li ma jhallsux is-somma in kwistjoni.

Anke dan il-kaz huwa al kwantu differenti minn dak odjern peress illi fil-kaz prezenti ma qed jigi mitlub ebda sejbien ta' htija in konnessjoni ma xi reat. *Inoltre* ma qed tintalab

ebda piena, u lanqas biss ma tista' tintalab. Fi kwalunkwe kaz, il-Qorti Ewropea hawnhekk filwaqt li ghamlet referenza ghal ghadd ta' kazijiet fosthom **Gradinger vs Austria** (sentenza tal-Qorti Ewropea tat-23 ta' Ottubru 1995), u **Oliveira vs Switzerland** (sentenza tal-Qorti Ewropea tat-30 ta' Lulju 1998), xorta ma sabitx lill-istat Franciz hati ta' ksur ta' l-**artikolu 4 tas-7 Protokoll**.

Ghaldaqstant, *stante* s-suespost, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrespingi din ir-riferenza bl-ispejjez kontra l-intimat Gatt.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tal-20 ta' Marzu 2007; u tad-29 ta' Mejju 2007 fejn meta ssejjah ir-rikors deher Dr. George Abela ghar-rikorrenti Kevin Gatt. Deher Dr. Hubert Theuma ghall-intimat l-Avukat Generali u l-Pulizija, kif indkati fl-atti ta' referenza Kostituzzjonali. Id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Ottubru 2007.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-fatti li taw lok ghar-referenza kostituzzjonali li ghandha quddiemha din il-Qorti huma s-segwenti:-

Illi fl-4 ta' Settembru 2006 Kevin Gatt tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn gie akkuzat b'diversi reati u inzamm taht arrest preventiv. Fil-kors tal-proceduri, fuq rikors tal-imputat, inghata digriet fl-20 ta' Settembru 2006 fejn il-Qorti ordnat il-Helsien mill-Arrest Preventiv tieghu *ai termini* tal-kundizzjonijiet kontenuti fl-istess digriet.

Illi fis-6 ta' Novembru 2006 Kevin Gatt gie akkuzat talli fil-lejl ta' bejn it-30 ta' Ottubru 2006 u qabel it-tlieta neqsin kwart ta' fil-ghodu tal-31 ta' Ottubru 2006, kiser il-

kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja mposti mill-Qorti kif presjeduta mill-Magistrat Antonio Vella fl-20 ta' Settembru 2006, b'dan li kien barra mir-residenza tieghu kontra l-limitazzjonijiet imposti f'dawn id-digrieti. L-akkuzat wiegeb li hu kien hati tal-akkuzi migjuba u gie kkundannat ghal Lm500 (€1,164.69) multa u ghall-piena karecerja ta' xahar.

Illi fit-8 ta' Novembru 2006 gie pprezentat rikors mill-Kummissarju tal-Pulizija fejn peress li nghad li l-istess Kevin Gatt kien kiser il-kundizzjonijiet tal-beneficcju ta' helsien mill-arrest moghtija fl-20 ta' Settembru 2006, u dan peress li fil-lejl ta' bejn it-30 u l-31 t'Ottubru 2006 huwa kien barra minn daru tant li l-imputat inqabad jikkommetti serqa u dan jikkostitwixxi ksur tal-hin ta' rinkasar kif impost fl-istess digriet tal-20 ta' Settembru 2006, talab li a tenur tal-**artikolu 578 u 579 tal-Kodici Kriminali** tigi revokata l-liberta provvizorja fil-konfront ta' Kevin Gatt kif ukoll tordna sabiex is-somma ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000) [€4,658.75] bhala garanzija personali ta' l-imputat jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Illi l-avukati difensuri ta' Kevin Gatt talbu referenza kostituzzjonali lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) a tenur ta' l-**artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artikolu 4 (3) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta** u dan peress li sostnew li r-rikors ipprezentat mill-Kummissarju tal-Pulizija jikser jew x'aktarx jikser id-drittijiet fundamentali ta' l-intimat u li ma jigux applikati fil-konfront tieghu sanzjonijiet dwar fatti li dwarhom Qorti ohra (Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, fil-kawza fl-ismijiet "Pulizija vs Kevin Gatt", deciza fis-6 ta' Novembru, 2006) diga' imponiet sanzjonijiet. B'hekk l-imputat ma jigix processat aktar minn darba wahda fuq l-istess fatti a bazi ta' principju *ne bis in idem,* u dan kif jiddisponi l-**artikolu 39 (9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**artikolu 4 tas-7 Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea** ghall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali.

Illi l-Prosekuzzjoni fil-verbal taghha quddiem il-Qorti tal-Magistrati datat 23 ta' Novembru 2006 ressqet l-

oggezzjonijiet taghha ghal tali talba *stante* li rrilevat li l-proceduri dwar ir-revoka tal-liberta' provizorja, huma procedura kriminali biss a rigward tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, kif sanciti mill-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni**, u imma ma mhumiex proceduri kriminali ghal dan l-artikolu u dan billi ma jimponi ebda piena fuq il-persuni koncernati, imma dawn huma proceduri unikament amministrattivi sabiex jassiguraw id-dehra ta' l-imputat u l-prosegwiment tal-kawza b'mod espedjenti u jitharsu l-istess principji Kostituzzjonali u Konvenzjonali. Illi *inoltre'* kompliet li gia' ladarba fis-sentenza esebita f'dawn l-atti tas-6 ta' Novembru 2006 huwa dikjarat car li dwar din il-kwistjoni amministrattiva dwar ir-revoka *o meno* tal-liberta' provizorja dik il-Qorti ma hadet ebda konjizzjoni taghha, ghaliex kif iddikjarat l-istess Qorti, t-talba ma saritx fl-istess procedura u ghaldaqstant lanqas jista' jissussisti l-principju amministrattiv ta' *res judicata* f'dawn ic-cirkostanzi.

Illi fit-30 ta' Novembru 2006 inghata digriet fejn il-Qorti laqghet it-talba tal-imputat u baghtet l-atti lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, Sede Kostituzzjonali.

Illli r-rikorrent Kevin Gatt qieghed isostni li ghall-kaz tieghu ghandu japplika l-principju ta' *ne bis in idem*. Huwa jargumenta li l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif diversament presjeduta, fis-sentenza tas-6 ta' Novembru 2006 diga' imponiet sanzjonijiet u infatti huwa nstab hati, fuq ammissjoni tieghu stess, taht l-**artikolu 579 (2) tal-Kap. 9** u gie kkundannat ghal multa ta' hames mitt lira Maltija (Lm500) [€1,164.69] u piena karcerarja ta' xahar. Ghalhekk ladarba huwa diga' wehel xahar habs u multa m'ghandux issa fuq l-istess fatt jerga' jigi penalizzat billi jkun hemm revoka tal-Helsien mill-Arrest Preventiv u telf tal-garanzija personali skond kif mitlub fir-rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi dwar il-principju tan-*ne bis in idem* hemm zewg artikoli li huma relevanti.

Illi l-**artikolu 39 (9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jipprovdi li ebda persuna li turi li tkun ghaddiet proceduri quddiem xi qorti kompetenti ghal reat kriminali u jew tkun giet misjuba hatja jew liberata ma ghandha terga' tghaddi proceduri ghal dak ir-reat jew ghal xi reat kriminali iehor li ghalih setghat tigi misjuba hatja fil-proceduri ghal dak ir-reat hlief wara ordni ta' qorti superjuri matul il-kors ta' appell jew proceduri ta' revizjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' htija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma ghandha tghaddi proceduri ghar-reat kriminali jekk turi li tkun hadet il-mahfra ghal dak ir-reat.

Illi d-disposizzjoni tal-Konvenzjoni meritu ta' din il-kawza hija s-segwenti:-

*"4 (1): Hadd ma jista' jkun ipprocessat jew jerga' jigi kkastigat ghal darb'ohra fi procedimenti kriminali taht il-gurisdizzjoni ta' l-istess Stat ghal xi reat li dwaru jkun diga` gie finalment liberat jew misjub hati skond il-ligi u l-procedura penali ta' dak l-Istat."*

Illi hawn jinghad li l-applikazzjoni ta' **artikolu 4 tas-Seba' Protokoll** ghandu jsir fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni,** u dan ghaliex l-element tan-*ne bis in idem* huwa assigurat bhala element ewlieni biex jigi assigurat smigh xieraq lil persuna, u li jaghmel parti shiha mill-assjem ta' garanziji li jobbliga lill-Istat li jiggarantixxi lil kull persuna mixlija b'reat li ma jinkisrux il-jeddijiet moghtijin taht dak id-dritt; b'dan ma jfissirx li l-istess artikoli huma l-istess u dan peress li l-**artikolu 6** ghandu firxa usa li jikkomprendi l-procediment kriminali kollu, inkluz li persuna ma tghaddix proceduri ghal dak ir-reat, mentri l-artikolu 4 hawn indikat huwa limitat ghal procedimenti ta' ghamla kriminali mehudin kontra l-istess persuna fl-ambitu ta' l-istess gurisdizzjoni ta' Stat partikolari.

Illi jidher li l-istess artikolu ma jzommx milli jittiehdu kontra l-istess persuna procedimenti ta' ghamla kriminali f'gurisdizzjoni differenti dwar l-istess ghemil. Fuq kollox, dak l-artikolu japplika biss dwar procedimenti precedenti li jkollhom it-timbru ta' gudikat. Jidher li ghall-finijiet tal-

Konvenzjoni, decizjoni titqies bhala gudikat meta tkun irrevokabbli u meta ma jkun ghad fadal l-ebda rimedju iehor disponibbli ghall-partijiet li jista' jibdel dik id-decizjoni.

Illi hawn il-Qorti tirreferi ghad-decizjoni wara referenza kostituzzjonali fl-ismijiet **"Il-Pulizija (Spettur Angelo Caruana) vs Anthony Zammit et"** (Q. K. - 10 ta' Jannar 2005 - App Civ 16/03) fejn inghad li sabiex japplika dan l-artikolu irid ikun hemm zewg elementi li jigu jissussitu u cjoe' (i) li jkun hemm proceduri li jservu ta' gudikat fuq akkuza kriminali sussegwenti u (ii) jekk il-proceduri pendenti kontra l-akkuzat quddiem il-Qorti (f'dan il-kaz quddiem il-Qorti tal-Magistrati) jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet fondamentali taghhom li ma jistghux jigu mill-gdid processati fuq ghemil li tieghu nghatat diga` decizjoni.

Illi f'dan il-kuntest ma hemm l-ebda dubju li l-procediment u d-decizjoni mehuda fis-6 ta' Novembru 2006 fejn l-imputat fuq ammissjoni tieghu instab abbazi taht l-**artikolu 579 (2)** tal-Kap 9 u gie kkundannat ihallas multa ta' Lm500 (€1,164.69) u piena karcerarja ta' xahar tammonta ghal gudikat fit-termini tal-ligi u dan peress li din tammonta ghal sentenza jew decizjoni li tiswa ghalhekk bhala ostakolu ghall-procedura dwar l-istess reat warajha. Fil-fatt ma hemm ebda dubju li dawn kienu proceduri kriminali li ttiehdu abbazi tal-providement ta' l-**artikolu 579 (2) tal-Kodici Kriminali** li jipprovdi:-

*"(1) Jekk l-imputat jew akkuzat jonqos li jidher ghall-ordni ta' l-awtorita' msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija, jew jonqos li josserva xi kondizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet taghha li bih taghti l-helsien mill-arrest, jew jinheba jew jitlaq minn Malta, jew waqt li jkun mehlus mill-arrest jikkommetti delitt li ma jkunx wiehed ta' natura involontarja, jew jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'mod iehor jintralcja jew jipprova jintralcja il-kors tal-gustizzja fir-rigward tieghu jew ta' xi persuna ohra, is-somma msemmija fl-obbligazzjoni tghaddi favur il-Gvern ta' Malta, u barra minn dan, jigi mahrug mandat ta' arrest kontra tieghu:-*

*Izda din id-disposizzjoni ma ghandhiex tapplika meta l-qorti tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kondizzjoni imposta fid-digriet li bih jinghata l-helsien mill-arrest ma hiex ta’ konsegwenza serja.*

*(2) Kull persuna li tonqos milli thares xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti mill-Qorti fid-digriet taghha li bih taghti l-helsien mill-arrest taht garanzija tkun hatja ta’ reat u tehel, meta tinsab hatja, il-piena ta’ multa jew ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux aktar minn sitt xhur, jew ghal multa u prigunerija flimkien.*

*(3) Minkejja d-disposizzjonijiet ta’ xi ligi, kull persuna akkuzata b’reat kif imsemmi fis-subartikolu (2) ghandha tigi mressqa l-qorti taht arrest, u l-Pulizija tkun tista’, fl-istess procedimenti, titlob ir-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid ta’ dik il-persuna. Il-procedimenti ghal reat taht is-subartikolu (2) ghandhom jittiehdu mill-Pulizija u jigu decizi mill-Qorti bl-urgenza”.*

Illi minn dan jidher car li ma hemm l-ebda dubju li l-pulizija skond l-istess artikolu tista’ tipprocedi wkoll kontra l-istess persuna b’zewg modi u cjoe’ billi takkuzah b’reat skond id-disposizzjonijiet ta’ l-imsemmi **artikolu 579 (2) tal-Kap 9** u fl-istess procedura tista’ anke titlob ir-revoka ta’ helsien mill-arrest skond dak provdut fl-**artikolu 579 (3),** u wkoll billi tipprocedi skond id-disposizzjonijiet ta’ l-**artikolu 579 (1)** sabiex minhabba l-ksur tal-kondizzjonijiet tad-digriet ta’ helsien mill-arrest tintilef il-garanzija moghtija u wkoll ikun hemm ir-revoka tal-helsien mill-arrest.

Illi f’dan il-kaz din il-Qorti thoss li ma hemm ebda dubju li d-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fis-6 ta’ Novembru 2006 fil-konfront ta’ l-imputat hija decizjoni kriminali mehuda skond id-disposizzjonijiet ta’ l-**artikolu 579 (2) tal-Kap 9,** u b’hekk tammonta ghal decizjoni li gja inhadet fil-konfront ta’ l-intimat fit-termini tal-artikoli 39 (9) tal-Kostituzzjoni u ta’ l-artikolu 4 tas-Seba’ Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

Illi jonqos ghalhekk sabiex jigi stabbilit jekk bil-proceduri prezenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati kontra l-akkuzat

hemmx ksur tal-principju ta' *ne bis in idem,* u sabiex jinghad li hemm ksur ta' l-istess artikolu 4 tas-Seba' Protokoll iridu jissussistu dawn l-elementi konsistenti (i) tehid ta' proceduri jew l-ghoti ta' piena mill-gdid; (ii) fi procediment kriminali; (iii) ghar-reat li dwaru tkun diga inghata decizjoni finali; (iv) fl-istess gurisdizzjoni; (v) skond il-ligi u l-procedura ta' dak il-pajjiz.

Illi f'dan il-kuntest jinghad li l-Onorabbli Qorti kostituzzjonali fis-sentenza hawn citata fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Anthony Zammit et"** sostniet li:-

*"Din id-disposizzjoni ghandha l-ghan li, salv ghall-eccezzjoni fit-tieni inciz taghha – eccezzjoni li pero` ma hiex relevanti ghall-finijiet ta' din il-kawza – tassigura li persuna ma tigix assoggettata darbtejn ghal proceduri li jkunu essenzjalment ta' natura penali ghall-istess reat, salv naturalment, li l-ewwel proceduri jkunu gew finalment konkluzi (cioe` l-ewwel decizjoni tkun ghaddiet in gudikat - "Like the Commission, the Court observes that the Aim of Article 4 of Protocol No. 7 (P7-4) is to prohibit the repetition of criminal proceedings that have been concluded by a final decision." – ara* ***Gradinger v. Austria*** *23 October, 1995, para. 53). Din id-disposizzjoni – apparti li ma tipprojbix li persuna tghaddi proceduri penali ghall-istess reat fi Stat iehor – ma tipprojbix li persuna tigi processata darbtejn meta l-istess fatt jaghti lok ghal proceduri penali u ghal proceduri ta' natura ohra, bhal, per ezempju, proceduri dixxiplinari".*

-----*Omissis*-------------

*"Issa, kif tajjeb osservat il-Qorti ta' Strasbourg fil-kawza* ***Goktan v. France*** *l-istess espressjonijiet jew kliem uzati f'disposizzjonijiet differenti tal-Konvenzjoni ghandhom ikollhom l-istess sinjifikat:-*

*"The Court finds that imprisonment in default of payment of the customs fine was not a means of enforcing the fine, but a penalty, both within the meaning of Article 7 of the Convention…and of Article 4 of Protocol no. 7. The notion of what constitutes a "penalty" cannot vary from one*

*Convention provision to another. It therefore finds that the applicant's imprisonment in default amounted to criminal punishment." (para. 48, sottolinear ta' din il-Qorti).*

*Fil-fehma ta' din il-Qorti l-istess ghandu jinghad ghall-kelma "kriminali" wzata fl-Artikolu 4 (1) tas-Seba' Protokoll din ghandha tinghata tifsira identika ghall-istess kelma kif uzata fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Fuq dan, anke l-awturi jidher li huma konkordi. Hekk per ezempju, Van Dijk u Van Hoof (* ***Theory and Practice of the European Convention on Human Rights,*** *Kluwer Law International (The Hague) 1998):*

*"The principle that nobody may be tried or punished again is limited to 'criminal proceedings'. In the Gradinger Case the applicant had been convicted and punished by a criminal court. Subsequently the administrative authorities imposed a fine on him. The latter punishment was based on the same facts as the former. The applicant complained that the decision of the administrative authorities amounted to a violation of Article 6 of the Convention [the applicant contended that he did not have access to a 'tribunal'] and Article 4 of Protocol No. 7. Thus the Court had to assess whether Article 6 did apply to administrative proceedings. It answered this question in the affirmative with reference to the criteria developed in its case-law. With regard to Article 4 of Protocol No. 7 the same question could have arisen. However, with regard to Article 4 the Court took the existence of the 'criminal proceedings' for granted. Thus, it may be concluded that the notion of 'criminal' in Article 4 of Protocol No. 7 is identical to the term 'criminal' in Article 6 of the Convention." (pagna 690, sottolinear ta' din il-Qorti).*

Illi l-awturi ***Harris, O'Boyle u Warbrick***, b'referenza ghall-imsemmi artikolu 4 jesprimu ruhhom hekk: *The term 'criminal' will presumably be given the meaning that it has under Article 6 of the Convention. (p. 569)."*

Illi l-Avukat Generali jargumenta li l-fatt li ssir talba bhal dik tal-Prosekuzzjoni, li minnha qed jilmenta Gatt, la hija talba ghal process gdid u lanqas ma hi talba ghal kastig izda

hija biss mizura ta’ natura amministrattiva u intiza ghall-ahjar andament tal-process gudizzjarju.

Illi, kif diga’ inghad, l-artikolu 4 (1) tal-Protokoll numru 7 mhux ta’ ostakolu li, fuq l-istess fatt, jittiehdu kemm proceduri dixxiplinari (f’dan il-kaz amministrattivi) kif ukoll proceduri kriminali, u dan indipendentement mill-ordni li fih dawn jittiehdu.

Illi ghalhekk din il-Qorti trid tezamina jekk it-talba tal-Kummissarju tal-Pulizija cioe’ li jkun hemm revoka tal-Helsien mill-Arrest Preventiv ta’ Kevin Gatt, kif ukoll li l-garanzija personali indikata tghaddi favur il-Gvern ta’ Malta, *ai termini* ta’ l-**artikolu 579 tal-Kap 9** hijiex wahda ta’ natura amministrattiva jew inkella tammontax ghal proceduri kriminali.

Illi m’hemmx dubju u lanqas kontestazzjoni dwar il-fatt li l-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali li wasslu ghas-sentenza tas-6 ta’ Novembru, 2006 fejn gie applikat fil-konfront ta’ Kevin Gatt l-**artikolu 579 (2)** kienu proceduri kriminali. Dan ghaliex, fuq ammissjoni tieghu stess, irrizulta li huwa kiser wahda mill-kondizzjonijiet imposti fid-digriet li bih inghata l-helsien mill-arrest preventiv. Ghalhekk dik il-qorti sabitu hati ta’ reat u peress li kiser il-kondizzjonijiet tieghu ghal darba darbtejn wehel multa ta’ hames mitt lira Maltin u xahar prigunerija.

Illi rrizulta mis-sentenza ezebita (a fol.7 tal-process) li f’dawk il-proceduri l-Prosekuzzjoni ma talbitx l-applikazzjoni tas-subinciz 3 ta’ l-artikolu 579 li jipprovdi ghar-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid ta’ dik il-persuna. Fit-8 ta’ Novembru, 2006 il-Kummissarju tal-Pulizija pprezenta rikors abbazi tal-fatt li Kevin Gatt kiser kundizzjoni tad-digriet li bih inghata l-helsien mill-arrest preventiv u fejn gie miltub li l-istess imputat jitlef il-garanzija u jista jkun hemm ir-revoka tal-harsien mill-arrest. Qed jinghad ‘jista’’, ghaliex peress li hemm il-*proviso,* l-Qorti li jkollha quddiemha ghandha diskrezzjoni jekk tapplikax tali disposizzjoni.

Illi kif intqal fis-sentenza fuq imsemmija ta' **"Il-Pulizija vs Anthony Zammit et"** sabiex jigi determinat jekk il-proceduri li ghalihom jista' jigi assoggettat Kevin Gatt humiex proceduri kriminali jew proceduri xort'ohra ghandhom japplikaw il-kriterji mahluqa mill-Qorti ta' Strasbourg sabiex tiddetermina jekk akkuza hiex ta' natura kriminali ghall-finijiet tal-Artikolu 6. Dawn il-kriterji huma bazikament tlieta:- (a) il-klassifikazzjoni tad-disposizzjoni taht il-ligi domestika, (b) in-natura tar-reat, u (c) in-natura u l-gravita' tal-piena. F'dik l-istess sentenza l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali ikkwotat kif spjegaw **van Dijk u van Hoof** li ghalkemm il-klassifika tar-reat jew disposizzjoni skond il-ligi domestika wiehed ghandu jikkunsidraha, u ghalkemm in-natura tar-reat (cioe' ghal min hija intiza d-disposizzjoni li toholqu u x'inhu l-iskop taghha) hija importanti, fir-realta' il-kriterju <u>verament determinanti</u> huwa dak tan-natura u l-gravita' tal-'piena' jew 'konsegwenza' li ssegwi jekk dak li jkun jinstab li jkun kiser dik id-disposizzjoni.

Illi fil-kaz in kwistjoni s-sitwazzjoni hija wahda kemmxejn differenti minn dik li kellha quddiemha l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali kif ukoll il-Qorti ta' Strasbourg fis-sentenzi citati. Dan ghaliex effettivament Kevin Gatt mhux qieghed jigi akkuzat b'reat izda minhabba li huwa kien inghata l-helsien mill-arrest preventiv b'digriet u huwa allegatament kiser wahda mill-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti qed jintalbu l-konsegwenzi kontemplati fl-**artikolu 579 (1) tal-Kap 9** ghal tali agir.

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li ma hemm l-ebda dubju li tenut ukoll kont li b'konsegwenza tal-istess procedura li qed titiehed a bazi tad-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 579 (1)** l-imputat jitlef il-garanzija ta' Lm2,000 (€4,658.75) lilu mposta mill-Qorti u wkoll tista' tigi revokat lilu l-helsien mill-arrest, din il-Qorti thoss li tali konsegwenzi fihom infushom huma ta' natura gravi tali li qed jigu kkunsidrati bhala pieni *ai termini* tal-ligi b'dan ghalhekk li anke jekk tali disposizzjonijiet huma intizi ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja, xorta wahda jfisser li l-istess persuna ser tkun qed tigi pprocessata darbtejn u kastigatta darbtejn ghal dak li huwa effettivament l-istess

fatt u reat, u dan taht proceduri ta' natura kriminali u dan anke ghaliex il-knsegwenzi ta' l-istess procedura fir-realta' jissodisfaw il-kriterju veramente determinanti dwar in-natura u l-gravita' tal-'piena' jew 'konsegwenza' li ssegwi, li huma tali li jekk jigu applikati jinstab li jkun kiser dik id-disposizzjoni ta' l-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni, u dan kemm fl-eventwalita' ta' revoka mill-helsien mill-arrest u wkoll fil-kaz ta' telf ta' garanzija, li din il-Qorti thoss li bil-mod kif giet indikata fl-istess disposizzjoni tal-ligi hija intiza bhala piena jew kastig skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni.

Illi din il-Qorti tinnota wkoll fl-artikolu 4 appena citat li l-Konvenzjoni titkellem kemm dwar processar mill-gdid kif ukoll ta' kastig ghal darb'ohra, u din il-Qorti thoss li l-procedura in kwistjoni mehuda taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 579 (1) hija process gdid fuq l-istess fatt, u f'dan il-kaz reat, li kontra l-imputat gja gew konkluzi proceduri kriminali skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 579 (2) tal-Kap 9 bis-sentenza fuq citata, b'dan li effettivament ifisser li verament l-imputat qed jigi assogettat ghall-proceduri doppji u ghall-kastig iehor ghall-fatti u reat li gja hemm sentenza kontra tieghu minn Qorti Kriminali, u din il-Qorti thoss li l-artikolu 4 huwa hemm appuntu sabiex jevita li jsir dan. Fl-istess kuntest jinghad li bil-proceduri li qed jittiehdu a bazi ta' l-artikolu 579 (1) tal-Kap 9, hemm ksur ta' l-artikolu 39 (9) tal-Kostituzzjoni ghaliex persuna li f'dan il-kaz gja instabet hatja ta' reat kriminali u giet ikkundannata b'sentenza li ghaddiet in gudikat qed terga' *"tghaddi proceduri ghal dak ir-reat…."*

Illi dan huwa wkoll konformi ma' dak li gie deciz fir-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Joseph Zahra"** (P.A. (GCD) - 11 ta' Dicembru 2006), fejn dwar dan l-istess artikolu l-istess Qorti rreferiet ghall-fatt li t-thassir mill-helsien mill-arrest jekk isir fl-istess procedura mehuda skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 579 (2) (u dan minhabba dak provdut fl-artikolu 579 (3)) ma jkunx hemm ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni ghaliex ikun parti mill-istess piena li tista' tinghata fil-kaz ta' dawk il-proceduri medessimi fuq l-istess

reat b'dan li s-sitwazzjoni tista' tigi ekwiparata ghal dik ta' reat alternattiv (P.A. (GV) **"Joseph Galea vs Avukat Generali"** – 14 ta' Dicembru 2001).

Illi f'dan il-kaz ukoll tali talba ma saritx fl-istess proceduri mehuda kontra l-imputat a bazi ta' l-**artikolu 579 (2),** izda fi proceduri separati skond id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 579 (1)** u b'hekk din il-Qorti thoss li dan ifisser fih innifsu li ttiehdu proceduri ohra kontra l-istess imputat fuq l-istess fatt u reat u b'dan il-mod l-istess persuna ser jigi kkastigat darbtejn. Fil-kaz tat-telfien tal-garanzija din skond il-ligi nostrali trid issir permezz ta' procedura differenti minn dik taht id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 579 (2)** u din il-Qorti thoss li apparti li certament li din tammonta ghal procedura ohra kontra l-istess persuna ghall-istess fatt, tant li din qed issir fi procedimenti li fihom inghata fil-bidu il-helsien mill-arrest, din t-telfien ta' garanzija hija ntiza bhala piena tant li l-istess Qorti fis-sentenza citata jidher li kienet inklinata lejn l-istess konkluzjoni tant li sostniet *"li terga tinghata l-piena (jekk titqies piena) tal-hlas tal-garanzija"* u l-istess Onorabbli Qorti waqfet hemm peress li f'dak il-kaz ma kienx hemm sentenza precedenti.

Illi f'dan il-kaz pero' ma hemm l-ebda dubju li l-proceduri li qed isiru abbazi ta' l-**artikolu 579 (1) tal-Kap 9** huma sussegwenti ghal dawk li gia saru u fil-fatt gew konkluzi skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 579 (2)** tant li jista' jinghad li hemm gia *res judicata* fil-konfront ta' l-imputat u l-intimat u dan *in virtu* tas-sentenza datata 6 ta' Novembru 2006 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Kevin Gatt".

Illi ghal dak li ssottemetta l-Avukat Generali din il-Qorti ma thossx li fid-dawl ta' dak li ntqal iktar il-fuq f'din is-sentenza l-provedimenti li jistghu jittiehdu skond id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 579 (1)** huma biss ta' natura semplici amministrattiva, izda huma dawk mehuda fi procedura ta' natura kriminali li jwasslu wkoll ghall-assoggettazzjoni ta' piena ohra kontra l-istess persuna ghall-istess fatti li jikkostitwixxu r-reat taht id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 579 (2),** reat li dwaru l-istess imputat gia nstab hati u gie kkundannat.

Illi minn dan kollu premess din il-Qorti tikkonkludi li bil-procedura li ttiehdet b'rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija datat 8 ta' Novembru 2006 fejn intalab sabiex ghat-tenur tal-artikoli 578 u 579 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li l-Qorti joghobha tirrevoka il-liberta' provizzorja fil-konfront ta' Kevin Gatt kif ukoll sabiex tordna li s-somma ta' Lm2,000 (€4,658.75) bhala garanzija personali ta' l-imputat jghaddu favur il-Gvern ta' Malta pprezentat fl-atti tal-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Kevin Gatt" hemm ksur tal-principju ta' *ne bis in idem* u hemm ksur tal-**artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 39 (9) tal-Kostituzzjoni.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi tiddikjara li l-ilment ta' Kevin Borg fuq ir-rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija datat 8 ta' Novembru 2006, fejn intalab sabiex ghat-tenur tal-artikoli 578 u 579 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li l-Qorti joghobha tirrevoka il-liberta' provizzorja fil-konfront ta' Kevin Gatt kif ukoll sabiex tordna li s-somma ta' elfejn lira Maltija Lm2,000 [erbat elef, sitt mija u tmienja u hamsin Ewro, u hamsa u sebghin centezmi ta' l-Ewro (€4,658.75)] bhala garanzija personali ta' l-imputat jghaddu favur il-Gvern ta' Malta pprezentat fl-atti tal-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Kevin Gatt", huwa gustifikat u dan peress li hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu taht id-disposizzjoni ta' l-**artikolu 39 (9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4 tas-seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea** fis-sens li hemm ksur tal-principju ta' *ne bis in idem* u ghalhekk l-istess rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija ghandu jigi kkunsidrat bhala null u bla effett u konsegwentement tordna lir-Registratur sabiex jghaddi lura l-atti lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali sabiex tiddisponi mill-kaz skond din is-sentenza.

Bl-ispejjez *stante* n-natura tal-kaz jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------